



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-23 ta' Novembru 2016 – Il-Kummissjoni vs Franza

(Kawża C-314/15)¹

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu – Direttiva 91/271/KEE – Trattament tal-ilma urban mormi – Artikolu 4(1) u (3) – Trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti”

1. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja – Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni – Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata*

(Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 91/271, Artikolu 4(1) u (3))

(ara l-punt 17)

2. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu – Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja – Ammissjoni ta’ nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu mill-Istat Membru kkonċernat – Assenza ta’ effett*

(Artikolu 258 TFUE)

(ara l-punt 21)

3. *Ambjent – Trattament tal-ilma urban mormi – Direttiva 91/271 – Implementazzjoni mill-Istati Membri – Obbligu ta’ riżultat – Nuqqas ta’ eżekuzzjoni ta’ dan l-obbligu – Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu*

(Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 91/271, Artikolu 4(1) u (3), u Anness I, punt B)

(ara l-punti 22, 23, 25, 26, 30 u d-dispożittiv 1)

Dispożittiv

- 1) Billi ma żguratx trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti tal-ilma urban mormi li ġej mill-agglomerazzjonijiet ta’ Goyave, ta’ Bastelica, ta’ Morne-à-l’Eau, ta’ Aiguilles-Château-Ville Vieille, ta’ Borgo-Nord, ta’ Isola, ta’ Plombières-les-Bains, ta’ Saint-Céré, ta’ Vincéy, ta’ Etueffont kif ukoll ta’ Volx u Villeneuve, jiġifieri għar-rimi kollu tagħhom, li jirrigwarda agglomerazzjonijiet

¹ ĠU C 294, 7.9.2015.

li għandhom ekwivalenza ta' popolazzjoni bejn 10 000 u 15 000, jew għar-rimi fl-ilma ġelu u l-estwarji, li jirrigwarda agglomerazzjonijiet li għandhom ekwivalenza ta' popolazzjoni bejn 2 000 u 10 000, ir-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta' Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru°1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ottubru 2008.

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika Franċiża hija kkundannata għall-ispejjeż.